

[Paġna Ewlenija](#) > ... > [Teħid Ta' Azzjoni Legali](#) > [Fejn U Kif](#) > [Spejjeż](#) > [Austria](#)

Spejjeż

Il-kontenut ipprovdut minn
Awstrija

Awstrija



Din il-paġna tagħtik informazzjoni dwar l-ispejjeż ġudizzjarji fl-Awstrija.

Qafas regolatorju li jirregola t-tariffi tal-professionijiet legali

Avukati

Bħala regola ġenerali, il-Kodiċi tal-Avukati Awstrijaċi (*Rechtsanwaltsordnung*) jipprevedi li t-tariffi mħallsa lill-avukati għas-servizzi mogħtija jistgħu jiġu miftiehma liberament bejn il-klijent u l-avukat.

It-tariffi jistgħu jiġu kkalkulati abbażi ta' rata fis-siegħa jew bħala tariffa b'rata fissa. Tariffa b'rata fissa ma tvarjax skont is-servizzi individwali mogħtija jew l-ammont ta' ħin involut. Jekk l-ebda tariffa ma tkun espressament stabbilita, jitqies li ġie miftiehem livell raġonevoli ta' rimunerazzjoni.

Il-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili Awstrijaċ (*Zivilprozessordnung* - ZPO) u l-Att dwar l-Iskali tat-Tariffi Legali (*Rechtsanwaltstarifgesetz*) jipprevedu li fi proċedimenti ċivili l-qorti għandha tiddetermina, fid-deċiżjoni dwar l-ispejjeż, is-sehem tal-ispejjeż li l-parti telliefa trid tħallas lura lill-parti rebbieħa. Dawn l-ispejjeż huma bbażati fuq il-valur tat-tilwima u t-tul u n-natura tas-servizz ipprovdut.

Fi proċedimenti kriminali r-regola ġenerali hija li kull persuna li tkun qabbdet avukat biex jaġixxi f'isimha (konvenut, parti li tressaq prosekuzzjoni privata, jew vittma li titlob li talba ċivili tingħaqad mal-proċeduri kriminali) għandha tħallas l-ispejjeż li jirriżultaw. Dan huwa wkoll il-każ meta l-avukat difensur ikun ġie maħtur mill-qorti, sakemm il-kundizzjonijiet għall-għoti tal-għajnuna legali ma jkunux sodisfatti. L-ispejjeż ivarjaw regolarment skont it-tip u l-konfigurazzjoni tal-qorti involuta (eż. qorti distrettwali (*Bezirksgericht*), qorti reġjonali b'imħallef wieħed sedenti (*Landesgericht mit Einzelrichter*in*), qorti b'assessuri lajċi (*Schöffengericht*), jew qorti b'ġurija (*Geschworenengericht*)).

Uffiċjali ġudizzjarji

Ir-remunerazzjoni li l-uffiċjali ġudizzjarji tal-qorti (*Gerichtsvollzieher*) jirċievu għall-attivitajiet tagħhom hija stabbilita fil-Parti 6 tal-Kodiċi dwar l-Eżekuzzjoni (*Exekutionsordnung*) (§§ 454 et seq. tal-Kodiċi dwar l-Eżekuzzjoni). Il-liġi tipprevedi wkoll tariffa ta' eżekuzzjoni (*Vollzugsgebühr*) li l-kreditur rikorrent ikollu jħallas meta jiġi ppreżentat ir-rikors għall-eżekuzzjoni, flimkien ma' tariffa fissa (*Pauschalgebühr*) stabbilita fl-Att dwar it-Tariffi tal-Qorti (*Gerichtsgebührengesetz* - GGG).

It-tariffa ta' eżekuzzjoni (§ 455 tal-Kodiċi dwar l-Eżekuzzjoni) tiffirma parti mill-ispejjeż tal-proċedimenti ta' eżekuzzjoni. Fuq talba tal-kreditur, il-qorti tista' tordna lid-debitur iħallas lura t-tariffa ta' eżekuzzjoni fid-deċiżjoni dwar l-ispejjeż.

L-uffiċjal ġudizzjarju huwa intitolat ukoll għal rimunerazzjoni talli jirċievi l-ħlasijiet. Din tista' titnaqqas mill-ammont miġbur (§ 457 u 462 tal-Att dwar it-Tariffi ta' Eżekuzzjoni).

Spejjeż fissi

Spejjeż fissi fil-proċedimenti ċivili

Spejjeż fissi għall-partijiet fil-proċedimenti ċivili

It-tariffi tal-qorti pagabbli għall-użu tas-servizzi tal-qrati jieħdu l-forma jew ta' tariffa fissa jew ta' tariffa proporzjonali tal-bażi ta' stima. L-ammont jiddependi fuq in-natura tal-każ u l-valur tat-tilwima (li jiġi ddeterminat mill-valur monetarju tat-talba) u n-numru ta' partijiet. Jekk ikun hemm aktar minn żewġ partijiet, jista' jiżdedi ħlas addizzjonali għal ħafna partijiet ta' bejn 10 % u 50 % skont l-Artikolu§ 19a tal-Att dwar it-Tariffi tal-Qorti.

L-istadju tal-proċedimenti ċivili meta jridu jitħallsu l-ispejjeż fissi

Għal proċedimenti ċivili fil-prim'istanza trid titħallas tariffa fissa meta jiġi ppreżentat ir-rikors. It-tariffa titħallas darba biss, irrispettivament mill-progress tal-proċedimenti f'dan l-istadju u irrispettivament minn jekk l-azzjoni fihex aktar minn talba waħda jew għandhiex x'taqsam ma' aktar minn persuna waħda, u tkoprix il-proċedimenti kollha fil-prim'istanza. Jekk l-eżenzjoni mitluba tiġi estiża matul il-proċedimenti, jistgħu jiġġarrbu tariffi addizzjonali. Dawn isiru pagabbli meta jiġu ppreżentati sottomissjonijiet bil-miktub. Meta l-eżenzjoni mitluba tiġi estiża waqt seduta, it-tariffa tkun dovuta meta din tiġi rreġistrata. Fis-sekond'istanza jew fit-terz'istanza, it-tariffa ssir pagabbli meta tiġi ppreżentata n-nota tal-appell (l-Artikolu§ 2(1) tal-Att dwar it-Tariffi tal-Qorti). B'eċċezzjoni, fi proċedimenti mhux kontenzjużi, xi kultant titħallas tariffa għad-deċiżjoni aktar milli tariffa għat-talba.

Spejjeż fissi fil-proċedimenti kriminali

Spejjeż fissi għall-partijiet fil-proċedimenti kriminali

Fil-prinċipju, ma jitħallsux tariffi tal-qorti fil-proċedimenti kriminali. Fi proċedimenti ta' prosekuzzjoni privata biss, jitħallsu tariffi għal rikorsi biex jinbdeu jew jtkomplew proċedimenti kriminali u għal appelli u lmenti ta' nullità mill-parti li tressaq prosekuzzjoni privata.

L-istadju tal-proċedimenti kriminali fejn iridu jitħallsu spejjeż fissi

L-ispejjeż fissi għandhom jitħallsu meta jiġi ppreżentat ir-rikors li jiskatta t-tariffa.

Spejjeż fissi fil-proċedimenti kostituzzjonali

Spejjeż fissi għall-partijiet fil-proċedimenti kostituzzjonali

Skont l-Artikolu§ 17a(1) tal-Att dwar il-Qorti Kostituzzjonali (*Verfassungsgerichtshofgesetz - VfGG*), it-tariffa hija ta' EUR 240.

L-istadju fil-proċedimenti kostituzzjonali meta jridu jitħallsu l-ispejjeż fissi

L-ispejjeż fissi jridu jitħallsu fil-bidu tal-proċedimenti.

Obbligi ta' informazzjoni ta' avukati u konsulenti legali

Drittijiet u obbligi tal-partijiet

F'termini ġenerali, l-avukati għandhom l-obbligu li jinfurmaw lill-klijenti tagħhom kif se jiġu kkalkulati t-tariffi u liema spejjeż jista' jistenna li jġarrab il-klijent. L-Artikolu 15(2) tal-Linji Gwida dwar il-Prattika ta' Avukat (*Richtlinien für die Ausübung des Rechtsanwaltsberufes - RL-BA 2015*) jirrakkomanda li, meta jieħdu struzzjoni ġdida, l-avukati għandhom jinfurmaw lill-klijenti tagħhom dwar il-bażi li fuqha titħallas it-tariffa u tad-dritt tal-avukat għal ħlasijiet interim. Sakemm ma tkunx ġiet miftiehma tariffa fissa, il-klijent huwa intitolat, f'intervalli raġonevoli, li jitlob dikjarazzjoni tal-kontijiet interim jew dikjarazzjoni tas-servizzi diġà mogħtija, jew, meta tkun ġiet miftiehma tariffa skont il-ħin, dikjarazzjoni tal-ħin li jkun diġà tqatta' fuq is-servizzi. Bl-istess mod, qabel ma jinħatar l-avukat, għandu jsir ftehim dwar il-bidu u l-frekwenza tal-ħlasijiet interim.

L-oriġini tal-ispejjeż - bażijiet legali

Minn fejn nista' insib informazzjoni dwar it-tariffi legali fl-Awstrija?

Ir-regoli statutorji dwar ir-responsabbiltà għall-ispejjeż fi proċedimenti ċivili kontenzjużi (inklużi kwistjonijiet kummerċjali) jinsabu fil-Artikoli 40-55 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili. Proċedimenti mhux kontenzjużi (pereżempju proċeduri relatati ma' kwistjonijiet tal-familja, b'mod partikolari divorzju b'kunsens reċiproku, jew tilwim dwar kustodja, drittijiet ta' aċċess jew talbiet ta' manteniment) huma soġġetti għal regoli separati dwar ir-responsabbiltà għall-ispejjeż. Ir-regoli ġenerali huma stabbiliti fl-Artikolu 78 tal-Att dwar il-Proċedimenti Mhux Kontenzjużi (*Außerstreitgesetz* – AußStrG). Eċċezzjonijiet għal dawn ir-regoli ġenerali japplikaw, *inter alia*, fi proċedimenti relatati ma' tilwim dwar kustodja u aċċess u proċeduri dwar talbiet ta' manteniment għal minuri. L-ispejjeż fi proċedimenti kriminali huma regolati mill-Artikoli 380-395 tal-Kodiċi tal-Proċedura Kriminali Awstrijak (*Strafprozessordnung* – StPO). It-tariffi tal-qorti (tariffi b'rata fissa) huma stabbiliti fl-Att dwar it-Tariffi tal-Qorti.

Deskrizzjoni tat-tariffi li l-avukati intitolati jitolbu tingħata f'fuljett ta' informazzjoni online fis-sit web tal-[Kamra tal-Avukati Awstrijaka](#) (*Österreichischer Rechtsanwaltskammertag*). Tista' tinkiseb informazzjoni ġenerali wkoll permezz tal-pjattaforma interaġenzjali [oesterreich.gv.at](#) taħt: *Leben Themen > Dokumente und Recht > Zivilrecht > Zivilverfahren* [Suġġetti Haġġin > Dokumenti u Liġi > Dritt Ċivili > Proċedura Ċivili].

Informazzjoni ġenerali dwar it-tariffi tal-qorti hija disponibbli fuq dan is-sit web: [oesterreich.gv.at](#). It-testi tal-liġijiet (b'għall-Att dwar it-Tariffi tal-Qorti u r-regoli dwar l-iskali tat-tariffi) huma disponibbli b'xejn mis-Sistema ta' Informazzjoni Legali tar-Repubblika tal-Awstrija [Rechtsinformationssystem des Bundes](#) – RIS) fuq is-sit web tal-Uffiċċju tal-Kanċillier Federali.

B'liema lingwi nista' nikseb informazzjoni fuq l-oriġini tal-ispejjeż fl-Awstrija?

Bil-Ġermaniż.

Minn fejn nista' insib informazzjoni dwar il-medjazzjoni?

Lista ta' medjaturi (miżmuma mill-Ministeru Federali tal-Ġustizzja) hija disponibbli għall-pubbliku ġenerali fuq [paġna web](#) dedikata dwar is-suġġett tal-medjazzjoni.

Fir-rigward tal-ġustizzja restorattiva fi proċedimenti kriminali, informazzjoni dwar il-medjazzjoni bejn l-akkużat u l-vittma (*Tatausgleich*) hija disponibbli fis-sit web [NEUSTART](#) (bl-Ingliż ukoll).

Fejn nista' nsib informazzjoni addizzjonali dwar l-ispejjeż?

Informazzjoni online dwar spejjeż proċedurali

Informazzjoni ġenerali dwar is-sistema ġudizzjarja Awstrijaka, l-ispejjeż legali u l-Ministeru Federali tal-Ġustizzja tista' tinstab fuq is-sit web tal-[Ġustizzja Awstrijaka](#) u fuq is-sit web [oesterreich.gv.at](#), li jipprovdi informazzjoni li tinqara faċilment.

Is-Sistema ta' Informazzjoni Legali tar-Repubblika tal-Awstrija tipprovdi t-test tal-liġijiet li ġejjin[ÖS1]:

- L-Att dwar it-Tariffi tal-Qorti (*Gerichtsgebührengesetz* – GGG)
- L-Att dwar l-Intitolament għat-Tariffi (*Gebührenanspruchsgesetz* – GebAG)
- Il-Kodiċi tal-Avukati (*Rechtsanwaltsordnung* – RAO)
- L-Att dwar l-iskali tat-Tariffi Legali (*Rechtsanwaltstarifgesetz* – RATG)

It-test tal-Kriterji Ġenerali tat-Tariffi għall-Avukati (*Allgemeine Honorar-Kriterien für Rechtsanwälte* – AHK) huwa disponibbli mill-portal tal-[Assoċjazzjoni tal-Kamra tal-Avukati Awstrijaka](#).

Minn fejn nista' nsib informazzjoni dwar il-medja ta' tul ta' żmien li jieħdu proċeduri differenti?

Għal din it-tip ta' informazzjoni jekk jogħġbok ikkuntattja direttament lill-Ministeru Federali Awstrijak tal-Ġustizzja.

Fejn nista' nsib informazzjoni dwar l-ispiża medja aggregata għal proċediment partikolari?

It-tariffi tal-qorti pagabbli għal kull tip ta' proċediment huma stabbiliti minn qabel (mill-Att dwar it-Tariffi tal-Qorti). Dawn jistgħu jinbidlu jekk il-valur tat-tilwima jitla' jew jinżel. L-ispejjeż li għandhom jitħallsu mill-parti telliefa lill-parti rebbieħa fi proċedimenti ċivili (tariffi tal-avukati, tariffi tal-esperti, spejjeż ta' traduzzjoni u interpretazzjoni) huma ddeterminati mill-qorti fid-deċiżjoni dwar l-ispejjeż. Il-qorti tiegħu d-deċiżjoni tagħha abbażi tal-Att dwar l-Iskali tat-Tariffi Legali (għat-tariffi tal-avukati) u l-Att dwar id-Dritt għat-Tariffi (tariffi ta' esperti u interpreti jew tradutturi). L-ispejjeż huma bbażati l-aktar fuq in-nefqa involuta u l-ħin. Għalhekk, ċifra speċifika ma tistax tingħata bil-quddiem. Fil-prinċipju, it-tariffa mħallsa mill-klijenti lill-avukati tista' tiġi miftiehma liberament bejniethom.

Taxxa fuq il-Valur Miżjud

Minn fejn nista' insib informazzjoni dwar il-VAT? Liema huma r-rati li japplikaw?

Is-servizzi tal-avukati huma suġġetti għat-taxxa fuq il-valur miżjud. Il-VAT fl-Awstrija hija ta' 20%. Bħal spejjeż oħra, din għandha titħallas lill-avukati separatament, kif stipulat fl-Artikolu 16 tal-Att dwar l-Iskali tat-Tariffi Legali u fl-Artikolu 17 tal-Kriterji tat-Tariffi Ġenerali għall-Avukati. L-iskali tat-tariffi stabbiliti fl-Att dwar l-Iskali tat-Tariffi Legali u l-Kriterji tat-Tariffa Ġenerali ma jinkludux it-taxxa fuq il-valur miżjud.

Għajjnuna legali

Il-limitu tad-dħul applikabbli fil-qasam tal-ġustizzja ċivili

L-eliġibbiltà għall-għajjnuna legali (*Verfahrenshilfe*) ma hijiex ibbażata fuq limitu tad-dħul statutorju. Fi proċedimenti ċivili (u fi kwistjonijiet kummerċjali), l-għajjnuna legali hija rregolata mill-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili Awstrijak. Id-dispożizzjonijiet tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili japplikaw *mutatis mutandis* fi proċedimenti mhux kontenzjużi. Id-deċiżjoni li tingħata għajjnuna legali tittieħed mill-qorti tal-prim'istanza.

L-għajjnuna legali ma tingħatax jekk l-azzjoni legali jew id-difiża maħsuba tkun jidher li tkun manifestament vessatorja jew nieqsa minn kwalunkwe prospett ta' suċċess. Il-qorti tiddeċiedi liema mill-benefiċċji elenkati hawn taħt għandhom jingħataw f'kull każ individwali.

Fl-Awstrija, l-għajjnuna legali tista' tinkludi:

1. eżenzjoni temporanja mill-ħlas tat-tariffi tal-qorti, tariffi ta' xhieda, esperti u interpreti jew tradutturi, l-ispiża ta' kull avviż pubbliku meħtieġ, l-ispejjeż ta' fiduċjarju u kwalunkwe żborż imġarrab mir-rappreżentant jew avukat maħtur mill-qorti;
2. rappreżentanza minn avukat.

Fi żmien 3 snin mill-konklużjoni tal-proċedimenti, il-partijiet li jirċievu l-għajjnuna legali jistgħu jkunu meħtieġa jħallsu lura s-somma, kompletament jew parzjalment, jekk il-pożizzjoni finanzjarja tagħhom tinbidel u issa jkunu f'pożizzjoni li jagħmlu daww il-pagamenti mingħajr ma jiġi mittiefes il-livell neċessarju ta' riżorsi tagħhom.

Limitu ta' dħul applikabbli għall-imputati u l-vittmi fil-qasam tal-ġustizzja kriminali

L-ebda limitu finanzjarju fiss ma japplika biex jiġi ddeterminat jekk imputat jew vittma, jew rikorrent jew intimat ċivili, jikkwalifikax għall-għajjnuna legali. Manteniment 'il fuq mill-paga minima tal-għajxien u taħt livell xieraq ta' manteniment huwa l-kriterju ta' gwida. Il-paga minima tal-għajxien tiġi evalwata mill-ġdid regolarment u r-rata attwali hija ppubblikata fuq is-sit web tal-[Ġustizzja Awstrijaka](#).

Kundizzjonijiet marbuta mal-għoti tal-għajjnuna legali lill-vittmi

Meta ma jkunx hemm dritt għal assistenza ġudizzjarja (*Prozessbegleitung*) skont l-Artikolu§ 66b tal-Kodiċi tal-Proċedura Kriminali Awstrijak, rikorrent ċivili jkun intitolat għall-għajjnuna legali jekk:

- ma jkunx jista' jaffordja rappreżentanza minn avukat mingħajr ma jiġi mittiefes il-livell neċessarju ta' riżorsi tagħhom (ara d-dikjarazzjonijiet dwar il-livell neċessarju ta' riżorsi hawn fuq), u
- ir-rappreżentanza mill-avukat tkun fl-fl-interess tal-amministrazzjoni tal-ġustizzja, u speċjalment fl-interessi tal-eżekuzzjoni xierqa ta' talbiet sabiex jiġu evitati proċedimenti ċivili separati aktar tard.

Kundizzjonijiet marbuta mal-għoti tal-għajnuna legali lill-imputati

Minbarra l-kundizzjonijiet finanzjarji, l-għajnuna legali għandha tkun fl-interessi tal-amministrazzjoni tal-ġustizzja, u speċjalment fl-interessi ta' difiża xierqa.

L-assenjazzjoni ta' avukat difensur hija fi kwalunkwe każ meqjusa li tkun fl-interessi tal-amministrazzjoni tal-ġustizzja meta:

- ikun hemm każ ta' difiża imperattiva (*notwendige Verteidigung*) skont l-Artikolu 61(1) tal-Kodiċi tal-Proċedura Kriminali (ara hawn taħt), meta l-imputat ikun għami, trux, mutu, inkella jkollu diżabilità jew ma jkollux biżżejjed għarfien tal-lingwa uffiċjali użata fil-qorti u għalhekk ma jkunx kapaċi jiddefendi ruġu;
- fil-proċedimenti ta' appell;
- jekk il-kawża tinvolvi ċirkostanzi fattwali u legali kumplessi.

F'kawżi ta' difiża imperattiva l-imputat irid jiġi rappreżentat minn avukat difensur. Difiża hija imperattiva fil-kawżi li ġejjin (l-Artikolu 61(1) tal-Kodiċi tal-Proċedura Kriminali):

- għaż-żmien li l-imputat jinżamm taħt arrest preventiv (punt 1);
- matul il-proċedimenti kollha għad-detenzjoni f'ċentru tat-terapija forensika skont l-Artikolu 21 tal-Kodiċi Kriminali (punt 2);
- fi proċedimenti tal-qorti għad-detenzjoni f'istituzzjoni għal delinkwenti dipendenti li jeħtieġu riabilitazzjoni jew f'istituzzjoni għal reċidivi perikolużi (punt 3);
- fi proċedimenti tal-qorti quddiem qorti reġjonali meta s-seduta tkun b'assessuri mhux mill-qasam tal-liġi jew b'ġurija (punt 4);
- fi proċedimenti tal-qorti quddiem qorti reġjonali meta jkun hemm imħallef wieħed sedenti, jekk is-sentenza li tista' tiġi imposta tammonta għal aktar minn 3 snin priġunerija, ħlief fil-każijiet ta' serq imsemmija fl-Artikolu 129(2)(1) tal-Kodiċi Kriminali Awstrijak (*Strafgesetzbuch* – StGB) u meta wieħed jirċievi oġġetti misruqa msemmija fl-Artikolu 164(4) tal-Kodiċi Kriminali (punt 5);
- f'interrogazzjoni kontradittorja (l-Artikolu 165), meta din tkun parti mid-difiża imperattiva fi proċedimenti tal-qorti skont il-punti 3 sa 5 (punt 5a);
- f'appell kontra sentenza ta' seduta tal-qorti b'assessuri mhux mill-qasam tal-liġi jew ġurija (punt 6);
- għall-preżentata ta' rikors għal ritrattazzjoni u għal kwalunkwe smiġh pubbliku dwar ir-rikors (punt 7).

Proċeduri tal-qorti mingħajr ħlas

Sabiex jiġu protetti d-drittijiet ta' dawk affettwati fi proċedimenti kriminali, assistenza psikosoċjali u ġudizzjarja hija disponibbli fuq talba, mingħajr ħlas, għat-tipi ta' vittmi li ġejjin:

- vittmi ta' atti vjolenti, theddid perikoluż jew reati sesswali, jew reati li setgħu sfruttaw id-dipendenza personali tagħhom;
- il-konjuġi, is-sieħeb irreġistrat, is-sieħeb tal-ħajja, qarib fil-linja diretta, ħu jew oħt u dipendenti oħrajn ta' persuna, li l-mewt tagħha setgħet kienet ikkawżata minn reat kriminali, jew qraba oħra li kienu xhieda tar-reat;
- vittmi ta' reati terroristiċi;
- vittmi ta' stalking, fastidju kontinwu permezz tat-telekomunikazzjoni jew ta' sistema tal-IT, jew istigazzjoni;
- vittmi ta' malafama, akkużi ta' reat kriminali li diġà ġew miċħuda bħala bla bażi, insulti u inġurji, meta jkun hemm ċerti raġunijiet biex wieħed jassumi li tali att twettaq permezz ta' telekomunikazzjoni jew bl-użu ta' sistema tal-IT;
- minuri li kienu xhieda ta' atti vjolenti fiċ-ċirku soċjali tagħhom (vjolenza fil-familja, vjolenza kontra t-tfal).

Il-vittmi ta' reati sesswali taħt l-14-il sena huma intitolati għal assistenza mingħajr ħlas fil-każijiet kollha, mingħajr ma jkollhom jippreżentaw rikors. L-assistenza psikosoċjali tkopri l-preparazzjoni tal-vittma għall-proċedimenti u l-piż emozzjonali kkawżat mill-proċedimenti. Assistenza psikosoċjali u ġudizzjarja hija pprovduta minn organizzazzjonijiet ta' appoġġ lill-vittmi kkuntrattati mill-Ministeru Federali għall-Ġustizzja skont l-Artikolu 66(3) tal-Kodiċi tal-Proċedura Kriminali.

Fi proċedimenti mhux kontenzjużi, jew fi proċedimenti ta' kustodja u aċċess, ma titħallas l-ebda tariffa għall-ħatra ta' rappreżentanza legali speċjali (*Erwachsenenvertreterin/Erwachsenenvertreter*). Lanqas ma huma dovuti

tariffi għal proċedimenti skont l-Att dwar id-Detenzjoni Istituzzjonali (*Unterbringungsgesetz*) jew l-Att dwar il-Kura Residenzjali (*Heimaufenthalts-gesetz*). Meta parti jkollha dħul baxx u assi limitati, fir-rigward tat-tariffi li jridu jitħallsu, l-għajnuna legali tista' tingħata fil-forma ta' eżenzjoni proviżorja mit-tariffi. L-iskala tal-eżenzjoni mogħtija tiddependi fuq ir-rikors u hija fid-diskrezzjoni tal-qorti.

Meta trid tħallas l-ispejjeż il-parti telliefa lill-parti rebbieħa?

Proċedimenti kontenzjużi

Fi proċedimenti ċivili (u fi kwistjonijiet kummerċjali), l-ispejjeż huma rregolati mill-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili Awstrijak. Dan jipprevedi li, ġeneralment, kull parti trid inizjalment tħallas l-ispejjeż imġarrba bl-involvement tagħha fil-proċedimenti. L-ispejjeż imġarrba reċiprokament inizjalment għandhom jinqasmu ndaqs bejn il-partijiet. Meta l-qorti tiddeċiedi l-kawża, hija tagħti digriet dwar l-ispejjeż. Il-prinċipju huwa li l-parti rebbieħa tirbaħ bl-ispejjeż b'kollox. Il-parti li titlef il-kawża f'kull aspett għandha tikkumpensa lill-parti l-oħra għat-tariffi u l-ispejjeż kollha li kienu meħtieġa għall-prosekuzzjoni jew difiża xierqa tal-kawża. Jekk il-partijiet rebħu f'xi talbiet tagħhom u tilfu f'oħrajn, l-ispejjeż jiġu kkompensati reċiprokament jew maqsuma proporzjonalment.

Id-devjazzjoni mill-prinċipju li l-parti rebbieħa tirbaħ bl-ispejjeż b'kollox huwa ġustifikat f'ċerti każijiet:

- fil-każ ta' telfa fuq punt relattivament żgħir, jekk il-parti tal-azzjoni li tiġi miċħuda ma tkun gābet l-ebda spiża partikolari;
- jekk l-ammont tat-talba jiġi ddeterminat minn esperti, jew ikun fid-diskrezzjoni tal-qorti, u meta l-ispejjeż ikollhom jiġu paċuti kontra xulxin;
- jekk l-imġiba tal-konvenut ma tat l-ebda raġuni biex titressaq l-azzjoni u jkun irrikonoxxa t-talba mal-ewwel opportunità; u
- jekk waħda mill-partijiet tkun ikkawżat il-kanċellazzjoni tal-proċedimenti jew li dawn jiġu ddikjarati nulli u bla effett, dik il-parti tista' tkun meħtieġa tħallas l-ispejjeż kollha.

Proċedimenti mhux kontenzjużi

Materji tal-liġi dwar il-familja (manteniment, drittijiet ta' aċċess, proċedimenti ta' kustodja u divorzju b'kunsens reċiproku) huma ttrattati fi proċedimenti mhux kontenzjużi. Ir-regoli ġenerali dwar l-ispejjeż fi proċedimenti mhux kontenzjużi jinsabu fl-Artikolu 78 tal-Att dwar il-Proċedimenti Mhux Kontenzjużi. Madankollu, eċċezzjonijiet għal dawn ir-regoli jsiru għal ħafna tipi ta' proċedimenti. Hawnhekk ukoll, normalment japplika l-prinċipju li l-parti rebbieħa tirbaħ bl-ispejjeż b'kollox, iżda tista' tingħata mod ieħor fir-rigward tal-ispejjeż fuq il-bażi ta' ekwità. Jekk ma jintalab l-ebda kumpens, l-ispejjeż mill-but (eż. tariffi għall-esperti) għandhom jitħallsu proporzjonalment mas-sehem fil-kawża. Jekk dan is-sehem ma jistax jiġi determinat, għandhom jinqasmu ndaqs.

Dettalji għad-diversi tipi ta' proċedimenti (manteniment, drittijiet ta' aċċess u proċedimenti ta' kustodja u divorzju):

1. Fir-rigward ta' proċedimenti ta' divorzju, trid issir distinzjoni bejn divorzju kkontestat u divorzju b'kunsens reċiproku.

Divorzju kkontestat: dispożizzjonijiet speċjali tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili Awstrijaka japplikaw għad-divorzji kkontestati. Jekk l-ebda parti ma tinstab li għandha tort fid-divorzju, l-ispejjeż għandhom jiġu paċuti reċiprokament. Jekk ir-raġuni għad-divorzju hija t-tkissir taż-żwieġ, u jekk is-sentenza tinkludi deċiżjoni dwar ir-responsabbiltà għat-tkissir, il-parti l-ħatja għandha tħallas l-ispejjeż tal-oħra.

Divorzju b'kunsens reċiproku: ir-regoli tal-proċedimenti mhux kontenzjużi japplikaw għad-divorzju b'kunsens reċiproku. F'dan il-każ, il-miżżewġin jissottomettu żewġ rikorsi identiċi lill-qorti. Peress li ma hemm l-ebda proċediment kontenzjuż, ma hemm l-ebda deċiżjoni dwar l-ispejjeż. L-ispejjeż mill-but għandhom jitħallsu ndaqs mill-partijiet.

1. Il-proċedimenti ta' kustodja u aċċess huma wkoll proċedimenti mhux kontenzjużi. Bis-saħħa ta' klawżola ta' eżenzjoni waħda (l-Artikolu 107(5) tal-Att dwar Proċedimenti Mhux Kontenzjużi), f'dawn il-proċedimenti ma tingħata l-ebda deċiżjoni dwar l-ispejjeż.
2. Bis-saħħa ta' klawżola ta' eżenzjoni oħra (l-Artikolu 101(2) tal-Att dwar Proċedimenti Mhux Kontenzjużi), ma tingħata ebda deċiżjoni dwar l-ispejjeż fi proċedimenti li jikkonċernaw talbiet ta' manteniment għal tfa

li għadhom minorenni.

Proċedimenti kriminali

Fi proċedimenti kriminali, kull persuna li tkun irrappreżentata minn avukat difensur jew rappreżentant ieħor għandha tħallas l-ispejjeż ta' din ir-rappreżentanza hija stess, anki jekk l-avukat ikun ġie maħtur mill-qorti (l-Artikolu 393(1) tal-Kodiċi tal-Proċedura Kriminali).

Sentenza li tikkundanna lill-imputat għandha wkoll tordna lill-imputat iħallas l-ispejjeż tal-proċedimenti kriminali (l-Artikolu 389(1) tal-Kodiċi tal-Proċedura Kriminali). Skont [§L-Artikolu 381\(1\) tal-Kodiċi tal-Proċedura Kriminali](#), wieħed jista' jeħel l-ispejjeż fi proċedimenti kriminali:

1. tariffa b'rata fissa bħala sehem tal-ispejjeż tal-proċedimenti kriminali mhux aktar dettaljati hawn taħt, inklużi l-ispejjeż ta' investigazzjoni u ta' struzzjonijiet maħruġa mill-prosekutur pubbliku jew mill-qorti biex jitwettqu atti uffiċjali. Il-kontribuzzjoni b'rata fissa hija stabbilita kif ġej: fi proċedimenti quddiem il-qorti reġjonali sedenti b'ġurija, bejn EUR 500 u EUR 10 000; fi proċedimenti quddiem il-qorti reġjonali sedenti b'assessuri lajċi, bejn EUR 250 u EUR 5 000; fi proċedimenti quddiem il-qorti reġjonali b'imħallef wieħed sedenti, bejn EUR 150 u EUR 3 000; u fi proċedimenti quddiem il-qorti distrettwali, bejn EUR 50 u EUR 1 000;
2. it-tariffi tal-esperti u b'mod ġenerali wkoll kwalunkwe tariffi tal-interpreti;
3. spejjeż għal informazzjoni, rapporti jew opinjonijiet ipprovduti mill-awtoritajiet pubbliċi;
4. spejjeż għat-trasport tal-imputat jew xhieda minn pajjiż ieħor u spejjeż għal xhieda msejħa biex jattendu minn pajjiż barrani;
5. spejjeż minħabba ordni ta' ffriżar u spejjeż għal informazzjoni dwar kontijiet bankarji, għall-qbid ta' ittri, għal informazzjoni dwar *data* ta' telekomunikazzjoni, u għall-interċettazzjoni ta' telekomunikazzjonijiet;
6. spejjeż relatati mal-eżekuzzjoni tas-sentenza, inklużi spejjeż ta' trasferiment ta' priġunieri għal sistema penali domestika jew barranija, esklużi l-ispejjeż tal-eżekuzzjoni ta' sentenza ta' detenzjoni;
7. tariffi tal-qorti relatati mal-proċedimenti kriminali;
8. spejjeż tal-avukat difensur jew rappreżentanti oħra;
9. tariffa fissa fir-rigward tal-ispejjeż għall-assistenza mogħtija lill-vittma, sa EUR 1 000.

Bl-eċċezzjoni tal-ispejjeż elenkati taħt it-punti 3 u 7 sa 9 hawn fuq, dawn l-ispejjeż jitħallsu bil-quddiem mill-awtoritajiet federali. Meta tiddeċiedi dwar it-tariffi b'rata fissa taħt il-punt 9 tal-ewwel paragrafu, il-qorti tqis il-kapaċità ekonomika tal-persuna responsabbli. L-ispejjeż għas-servizzi ta' interpretu ma għandhomx għalfejn jitħallsu lura mill-imputat.

L-Artikolu 391(1) tal-Kodiċi tal-Proċedura Kriminali, madankollu, jipprevedi li l-ispejjeż tal-proċedimenti kriminali għandhom jiġu rkuprati mingħand il-persuna kkundannata biss jekk dan ma jipperikolax ir-riżorsi meħtieġa għall-persuna kkundannata u l-familja tagħha biex iżommu livell ta' għajxien modest jew il-kapaċità tagħhom li jħallsu kumpens għall-ħsara kkawżata bħala riżultat tar-reat. Jekk l-ispejjeż ma jistgħux jiġu rkuprati minħabba n-nuqqas ta' riżorsi tal-persuna kkundannata, il-qorti tista' tiddikjara l-ispejjeż irrekuperabbli. Jekk il-qorti ssib li l-ispejjeż se jkunu jistgħu jiġu rkuprati fil-futur, iżda għalissa ma jistgħux jiġu rkuprati, il-kapaċità ekonomika tal-persuna kkonċernata għandha terġa' tiġi eżaminata wara ċertu perjodu. Il-perjodu ta' preskrizzjoni applikabbli għall-irkupru tal-ispejjeż huwa 5 snin wara l-għoti tad-deċiżjoni finali fil-proċedimenti. Jekk il-qorti tiddeċiedi li l-persuna kkundannata għandha tħallas l-ispejjeż tal-proċedimenti, u aktar tard jirriżulta li mhix kapaċi tħallas, l-awtoritajiet jistgħu jestendu l-iskadenza tal-ħlas, jippermettu l-ħlas bin-nifs, jew inaqsu l-ispejjeż.

Jekk il-persuna kkundannata tkun obbligata bis-sentenza tal-qorti kriminali li tħallas mill-inqas kumpens parzjali lil rikorrent ċivili, hija għandha wkoll tħallas lura l-ispejjeż imġarrba mir-rikorrent ċivili fil-proċedimenti kriminali.

Skont l-Artikolu 393a tal-Kodiċi tal-Proċedura Kriminali, imputat li jiġi lliberat jista' jitlob kontribuzzjoni mill-awtoritajiet federali għall-ispejjeż tal-avukat difensur tiegħu. Din tkopri n-nefqa meħtieġa fi flus kontanti attwalment imġarrba u tariffa fissa fir-rigward tal-ispejjeż tal-avukat difensur. It-tariffa b'rata fissa tiġi ddeterminata fid-dawl tal-firxa u l-kumplessità tad-difiża u tal-ambitu tas-servizzi meħtieġa u xierqa pprovduti mill-avukat tad-difiża, u ma għandhiex taqbeż l-ammonti li ġejjin: fi proċedimenti quddiem il-qorti reġjonali sedenti b'ġurija, EUR 10 000; fi proċedimenti quddiem il-qorti reġjonali sedenti b'assessuri lajċi, EUR 5 000; fi proċedimenti quddiem il-qorti reġjonali b'imħallef wieħed sedenti, EUR 3 000; u fi proċedimenti quddiem il-qorti distrettwali, EUR 1 000.

Meta l-proċedimenti kriminali jinbdeu minn prosekuzzjoni privata jew b'rikors ta' rikorrent ċivili skont l-Artikolu 72 tal-Kodiċi tal-Proċedura Kriminali, u ma jwasslux għal kundanna, il-persuna li tressaq il-prosekuzzjoni privata jew ir-rikorrent ċivili huma obbligati jħallu l-ispejjeż kollha kkawżati mit-tressiq jew mill-kontinwazzjoni tal-azzjoni. Jekk il-proċedimenti kriminali jintemmu bi ftehim (*Diversión*) (l-Artikoli§§ 198 sa 209 tal-Kodiċi tal-Proċedura Kriminali), ir-rikorrent ċivili ma jkollu jħallas l-ebda spiża.

Tariffi tal-esperti

Fi proċedimenti ċivili kontenzjużi (inklużi kawżi kummerċjali), it-tariffi tal-esperti huma kkompensati reċiprokament jew maqsuma proporzjonalment skont is-suċċess jew il-falliment tal-parti (l-Artikolu§ 43(1) tal-Kodiċi tal-Proċedura Kriminali).

Fi proċedimenti tad-divorzju kkontestati fejn is-sentenza ma tagħtix deċiżjoni dwar ir-responsabbiltà, l-ispejjeż mill-but għandhom jiġu kkompensati reċiprokament. Jekk parti waħda tkun ħallset aktar minn nofs in-nefqa, il-parti l-oħra għandha tħallas lura l-eċċess. Madankollu, jekk wieħed mill-konjuġi jinstab li għandu tort, dik il-parti għandha tirrimborża t-tariffi tal-espert tal-parti l-oħra.

Fil-proċedimenti li ġejjin, it-tariffi ta' kwalunkwe espert imħallsa inizjalment mill-fondi uffiċjali jridu jiġu rrimborżati lill-qorti mill-partijiet li jkunu kkawżawhom jew li fl-interessi tagħhom tkun ittiegħdet l-azzjoni uffiċjali: proċedimenti għad-divorzju b'kunsens reċiproku, proċedimenti ta' kustodja u aċċess, u proċedimenti li jikkonċernaw talbiet ta' manteniment għal tfal li għadhom minuri. Jekk diversi persuni jkunu obbligati li jħallu lura l-ispejjeż, dawn ikunu responsabbli b'mod konġunt (§l-Artikolu 1(5) tal-Att dwar il-Flasijiet tal-Qorti (*Gerichtliches Einbringungsgesetz* – GEG) flimkien mal-Artikolu§ 2(1) tal-istess Att).

L-ammont tat-tariffi tal-esperti huwa rregolat mill-Att dwar id-Dritt għat-Tariffi. Kull każ speċifiku jiddependi fuq il-kontenut u l-ambitu tar-rapport mitlub mill-qorti.

Fi proċedimenti kriminali, it-tariffi tal-esperti jiffurmaw parti mill-ispejjeż tal-proċedimenti kriminali (§l-Artikolu 381(1)(2) tal-Kodiċi tal-Proċedura Kriminali), li, skont §l-Artikolu 389(1) tal-Kodiċi tal-Proċedura Kriminali, għandhom jitħallu mill-persuna kkundannata. It-tariffi tal-esperti jiġu ddeterminati mill-qorti jew mill-prosekutur pubbliku u jitħallu bil-quddiem mill-awtoritajiet federali.

Tariffi tat-tradutturi u tal-interpreti

L-ispejjeż mogħtija hawn fuq tapplika wkoll għat-tariffi tat-tradutturi u l-interpreti.

Dokumenti relatati

[Studju dwar it-trasparenza tal-ispejjeż: l-Awstrija](#)  (829 Kb) 

Hoġoq Relatati

[L-Artikolu 32 tal-Att dwar it-Tariffi tal-Qorti](#)

L-aħħar aġġornament: 20/10/2023

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċetta responsabbiltà jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.